



L-Avukat Ġenerali Sharpston tqis li politika ta' kumpannija li teżiġi li impjegata tneħħi l-velu lżlamiku tagħha meta tkun f'kuntatt ma' klijenti tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta illegali

Politika ta' kodiċi ta' lbies newtrali għalkollox tista' wkoll tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta li tkun iġġustifikata biss jekk tkun proporzjonata għall-għan leġittimu li tfittex li tilħaq, inklużi l-interessi tal-impriża ta' persuna li timpjega

Asma Bouagnaoui hija mara Musulmana li kienet impjegata bħala inġinier ta' proġetti minn Micropole SA, kumpannija ta' konsulenza informatika. Hija kkonkludiet kuntratt ta' impjieg fil-15 ta' Lulju 2008. Matul l-impjieg tagħha hija kienet tilbes, f'mument meta għażlet li tagħmel dan, velu lżlamiku li kien ikoprilha rasha iżda li kien iħallilha wiċċha mikxuf.

Bħala parti mid-dmirijiet tagħha, A. Bouagnaoui kellha tiltaqa' ma' klijenti ta' Micropole fil-proprietà tagħhom. Wara lment minn wieħed minn dawn il-klijenti li l-velu ta' A. Bouagnaoui kien "imbarazza" lill-impjegati tiegħu u li fih intalab li "ma għandu jkun hemm ebda velu d-darba li jmiss", hija ntalbet tikkonferma li kienet ser tikkonforma ruħha ma' din it-talba fiż-żjara li kien imissha tagħmel. Hija rrifjutat li tagħmel dan u tkeċċiet fit-22 ta' Ġunju 2009. Micropole kkonkludiet li r-rifjut tagħha li tneħħi l-velu għamilha impossibbli għaliha li twettaq id-dmirijiet tagħha f'isem il-kumpannija. Sussegwentement, A. Bouagnaoui kkontestat it-tkeċċija tagħha quddiem il-qorti Franċiżi.

Il-qorti tal-kassazzjoni Franċiża, li quddiemha bħalissa tinsab pendenti l-kawża, staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk rekwiżit li ma jintlibisx velu lżlamiku waqt li jkun qegħdin jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza informatika lil klijenti jistax jitqies li huwa "ntieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol [rekwiżit professjonali ġenwin u determinanti]" u għalhekk jaqax 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin prevista mid-Direttiva 2000/78.¹

Fil-konklużjonijiet ippreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Eleanor Sharpston tosserva d-differenzi kbar li jeżistu bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda x-xedd ta' lbies reliġjuż u ta' sinjali reliġjużi fuq ix-xogħol. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fir-rigward tal-impjegati tas-settur pubbliku. Madankollu, peress li din il-kawża tinvolvi impjieg fis-settur privat, hija tirrestrinġi l-osservazzjonijiet tagħha għal dan il-qasam biss. Hija tqis li l-libertà li wieħed jimmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva peress li tiffurma parti intrinsika mil-libertà ta' reliġjon. A. Bouagnaoui ġiet ittrattata b'mod inqas favorevoli fuq il-bażi tar-reliġjon tagħha peress li inġinier ta' proġetti li ma kienx għażel li jimmanifesta t-twemmin reliġjuż tiegħu jew tagħha ma kienx jitkeċċa. Għalhekk l-Avukat Ġenerali tikkonkludi li **t-tkeċċija ta' A. Bouagnaoui kienet tammonta għal diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin**. It-tkeċċija tkun leġittima biss jekk tapplika xi waħda mid-derogi previsti mid-Direttiva.

Id-Direttiva tipprovdi li, f'ċerti ċirkustanzi, differenza fit-trattament li altrimenti tammonta għal diskriminazzjoni tista' titneħħi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha jekk id-differenza tkun ibbażata fuq karatteristika li tikkostitwixxi "ntieġa [...] tax-xogħol [rekwiżit professjonali]". L-Avukat Ġenerali

¹ Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fil-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

tqis li din id-deroga għandha tiġi interpretata b'mod strett. Ir-reqwiżit għandu jkun wieħed “ġenwin u determinanti”, li jkun proporzjonat għall-għan leġittimu li jfittex li jilħaq.

Fl-opinjoni tal-Avukat Ġenerali, id-deroga ma tistax tapplika f'dan il-każ. B'mod partikolari, **ma hemm xejn li jissuġġerixxi li A. Bougnaoui ma setgħetx taqdi dmirijietha bħala inġinier ta' proġetti għaliex kienet tilbes velu Iżlamiku. Fil-fatt, l-ittra ta' Micropole li ttemm l-impjieg tagħha kienet irreferiet espressament għall-kompetenza professjonali tagħha.** Għalkemm il-libertà tal-intrapriża hija prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, hija suġġetta għal limitazzjonijiet, inkluża l-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Id-diskriminazzjoni diretta ma tistax tiġi ġġustifikata fuq il-bażi ta' telf finanzjarju potenzjali li jista' jiġi kkawżat lill-persuna li timpjega.

L-Avukat Ġenerali tgħaddi sabiex tqis id-derogi l-oħra disponibbli fir-rigward tad-diskriminazzjoni diretta u tikkonkludi li ebda waħda minnhom ma tista' tapplika għal dan il-każ.

L-ewwel nett, l-Avukat Ġenerali tiċċad l-idea li projbizzjoni għall-impjegati milli jilbsu lbies reliġjuż meta jkunu f'kuntatt ma' klijenti tal-impriża tal-persuna li timpjegahom tista' tkun neċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwi li huma indispensabbli għall-funzjonament ta' soċjetà demokratika. Fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ, ma jidhirx li ġiet adottata xi leġislazzjoni nazzjonali rilevanti sabiex tagħti effett lil din id-deroga.

It-tieni nett, id-deroga għal “attivitajiet tax-xogħol [professjonali] fi knejjes u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħrajn, li l-ethos tagħhom huwa bbażat fuq reliġjon jew twemmin” ma tistax tapplika fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet ta' Micropole.

L-Avukat Ġenerali għalhekk tikkonkludi li t-tkeċċija ta' A. Bougnaoui kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta, li għaliha ma tapplika l-ebda waħda mid-derogi previsti mid-Direttiva.

Fl-aħħar nett, l-Avukat Ġenerali tqis fil-qosor il-pożizzjoni legali fl-eventwalità li jiġi deċiż li dan il-każ jikkonċerna diskriminazzjoni indiretta, jew għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx magħha meta tagħti s-sentenza jew għaliex punti ta' fatt ġodda jistgħu sussegwentement jiġu ppreżentati quddiem il-qorti nazzjonali. L-Avukat Ġenerali tosserva li **politika ta' kumpannija li timponi kodiċi ta' lbies newtrali għalkollox probabbilment tirriżulta f'diskriminazzjoni indiretta. Tali politika tista' tiġi ġġustifikata jekk tfittex li tilħaq għan leġittimu u tkun proporzjonata.** Politika ta' kodiċi ta' lbies newtrali tista' tkun fl-interessi tal-impriża tal-persuna li timpjega u għalhekk tikkostitwixxi għan leġittimu. Madankollu, l-Avukat Ġenerali tosserva li huwa diffiċli li wieħed jara kif, f'dan il-każ, il-projbizzjoni ta' Micropole tista' titqies li hija proporzjonata. Madankollu, din hija kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata mill-qorti nazzjonali.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab ippubblikat fuq is-sit CURIA mill-jum li fih jinqraw.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 29644106